



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2022/0401(APP)

23.2.2024

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irgħiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE
(10788/2023 – C9-0031/2024 – 2022/0401(APP))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Sirpa Pietikäinen

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (10788/1/2023 – C9-0031/2024 – 2022/0401(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill (10788/1/2023),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0031/2024),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0000/2024),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza huma organizzazzjonijiet pubbliċi li jipromwovu t-trattament ugwali f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea billi jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, jaġixxu u/jew jirrappreżentaw lill-vittmi l-qorti, iwettqu sħarriġ u inkjesti indipendenti, jipubblikaw rapporti indipendenti, jiġbru data, iqajmu kuxjenza u jaġhmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni. Huma legalment meħtieġa jaġhmlu dan f'każ ta' diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni defnita skont l-Artikolu 19 tat-TFUE, inklużi s-sess, ir-razza u l-etniċità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin, u d-diżabilità. Il-korpi tal-ugwaljanza għandhom ikunu meħtieġa jaġhmlu dan ukoll f'każ ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali. Sabiex tiġi riflessa l-evoluzzjoni tas-soċjetà u f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa ma jistax jiġi limitat għad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-fatt li persuna tkun ta' sess wieħed jew ieħor. Għaldaqstant, id-diskriminazzjoni intersezzjonali u multipla għandha titqies.

Il-korpi tal-ugwaljanza huma atturi ewlenin fil-ħidma kontra d-diskriminazzjoni fl-UE, u l-kapaċitajiet tagħhom li jassistu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni u jipromwovu l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-UE jeħtieġ li jissaħħu kif ukoll jiġu appoġġati. Il-valuri tal-Unjoni Ewropea, fosthom l-ugwaljanza, jistgħu jsiru realtà biss jekk jitpoġġew fil-prattika kif suppost. Din hija r-raġuni għaliex din id-direttiva hija importanti – hija tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tat-Trattati mhux biss fit-teorija, iżda wkoll fil-prattika.

Minħabba r-rwoli speċifiċi tagħhom, il-korpi tal-ugwaljanza huma involuti wkoll fi kwistjonijiet relatati mal-post tax-xogħol. F'dik is-sitwazzjoni partikolari, il-korpi tal-ugwaljanza għandhom dejjem jirrispettaw l-awtonomija, il-kompetenzi u l-prerogattivi tas-sħab soċjali kif ukoll il-kompetenzi rikonnoxxuti tal-aġenziji tal-gvern kollha rilevanti, inklużi l-ispettorati tax-xogħol, il-qrati nazzjonali u/jew it-tribunali statutorji, f'konformità mad-dritt u l-prattiki nazzjonali.

Il-korpi tal-ugwaljanza ġew stabbiliti għall-ewwel darba bid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE). Tliet direttivi sussegwenti dwar l-ugwaljanza inkarigaw lill-korpi tal-ugwaljanza bl-istess missjoni fil-qasam rispettiv tagħhom: id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-qasam tal-merkanzija u s-servizzi (2004/113/KE), id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-qasam tal-impjiegi (2006/54/KE) u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-qasam ta' persuni li jaħdmu għal rashom (2010/41/UE).

Fl-2018, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni pożittiva dwar standards vinkolanti għall-korpi tal-ugwaljanza li rakkomandat sett ta' miżuri għall-Istati Membri biex itejbu l-indipendenza u l-effettività tal-korpi tal-ugwaljanza rispettivi tagħhom, b'mod partikolari f'termini tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw li kwalunkwe individwu u grupp li ssir diskriminazzjoni kontriha ikun jista' jgawdi bis-sħiħ id-drittijiet tiegħu.

Madankollu, minkejja dawn l-isforzi, il-leġiżlazzjoni eżistenti u r-rakkomandazzjoni tal-2018 ma żgurawx biżżejjed riżorsi u għodod, u lanqas ma kisbu ambjent operazzjonali ideali għall-korpi tal-ugwaljanza. Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet li ġew indirizzati mir-rakkomandazzjoni tal-2018 għadhom mhumiex solvuti. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-funzjonament

effettiv tal-korpi tal-ugwaljanza jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri differenti. B'riżultat ta' dan, il-livell ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni huwa differenti, asimmetriku u inkonsistenti għaċ-ċittadini madwar l-Ewropa. Mhux kulħadd huwa protett bl-istess standards. Dan jeħtieġ li jiġi rranġat malajr, u d-differenzi fil-livelli ta' protezzjoni bejn il-gruppi ta' persuni fi Stati Membri differenti jeħtieġ li jsiru trasparenti.

Biex jintlaħaq dan il-għan, huma meħtieġa standards minimi b'saħħithom għall-korpi tal-ugwaljanza. Il-bażi ta' korpi tal-ugwaljanza li jiffunzjonaw tajjeb fi stati demokratiċi hija l-indipendenza ta' dawn l-organizzazzjonijiet. Il-korpi tal-ugwaljanza u l-persunal tagħhom jeħtieġ li jkunu ħielsa minn kull interferenza esterna u dan għandu jiġi żgurat billi jintużaw is-salvagwardji kollha possibbli. Il-korpi tal-ugwaljanza jridu jkunu ġenwinament kapaċi jkunu indipendenti fl-azzjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, għandu jiġi garantit finanzjament adegwat li jikkorrispondi kif xieraq għall-ammont u n-natura tal-kompiti tal-korp tal-ugwaljanza, li spiss ma jkunx il-każ. Il-korpi tal-ugwaljanza qatt ma għandhom jiffaċċjaw l-istess sitwazzjoni ta' dispjaċir li biha jiġu kkonfrontati, pereżempju, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u għadd ta' aġenziji oħra, jiġifieri nuqqas ta' persunal u nuqqas ta' riżorsi b'ammont ta' xogħol u talbiet ta' riċerka dejjem jiżdiedu.

Korp tal-ugwaljanza effettiv ikollu setgħat ta' litigazzjoni. Bħalissa, il-korpi tal-ugwaljanza f'uħud mill-Istati Membri tal-UE ma jgawdux id-dritt li jaġixxu fil-qorti. Il-korpi tal-ugwaljanza għandu jkollhom id-drittijiet li jaġixxu bħala parti fil-proċedimenti, li jippreżentaw osservazzjonijiet lill-qorti jew li jibdew jew jipparteċipaw fi proċedimenti f'isem vittma waħda jew aktar jew b'appoġġ għalihom.

Madankollu, mhux il-każijiet kollha jmorru dejjem il-qorti u dan lanqas ma għandu jkun meħtieġ. Sabiex joffru possibbiltà għal soluzzjoni għat-tilwim barra mill-qorti li tkun rapida u affordabbli, l-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll il-possibbiltà li l-partijiet ifittxu soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tagħhom, pereżempju permezz ta' proċess ta' konċiljazzjoni u medjazzjoni li jkun jista' jitmexxa mill-korp tal-ugwaljanza jew minn entità ddedikata eżistenti oħra li ma tkunx relatata mal-gvern.

Il-monitoraġġ huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jgawdu verament id-drittijiet assenjati lilhom f'din il-leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' indikaturi komuni għall-monitoraġġ. F'din il-ħidma, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib ma' istituti rilevanti oħra. Il-Kummissjoni jeħtieġilha wkoll tevalwa regolarment is-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni f'kull Stat Membru.

Kif inhu l-każ fl-oqsma kollha ta' politika, il-kooperazzjoni hija kruċjali. L-Istati Membri jeħtieġu jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom stabbiliti mekkaniżmi xierqa biex jikkoperaw ma' korpi tal-ugwaljanza oħra fl-istess Stat Membru, u ma' entitajiet pubbliċi u privati rilevanti, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll fi Stati Membri oħra u fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali. Il-gvernijiet lokali għandhom jingħataw l-opportunità li javviċinaw lill-korpi tal-ugwaljanza meta jaraw eżempji ta' diskriminazzjoni fil-livell nazzjonali, u l-korpi tal-ugwaljanza għandu jkollhom bl-istess mod id-dritt li jikkoperaw mal-EIGE, l-FRA u l-Equinet, kif ukoll mas-sħab soċjali u l-ispettorati tax-xogħol.

Spiss wisq, iċ-ċittadini madwar il-kontinent tagħna jaraw id-drittijiet tal-bniedem bażiċi tagħhom kemm injorati kif ukoll mhux irrispettati. Bl-għajjnuna ta' din il-proposta leġiżlattiva

u l-istandards minimi li tistabilixxi, in-nies fl-Istati Membri kollha se jkunu jistgħu jgawdu livell imsaħħaħ ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jkunu aktar favorevoli mill-istandards minimi stabbiliti f'din id-Direttiva. Ma nistgħux nitilfu aktar żmien – is-suċċess ta' din il-leġiżlazzjoni huwa kruċjali biex nippreservaw il-valuri ewlenin tagħna tal-UE.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions Indipendenti
Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità
In-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza
L-Ombudsman Finlandiż għall-Ugwaljanza

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.